

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Fejn U Kif](#) > [Rati Tal-imgħax](#) > [Czechia](#)

Rati tal-imgħax

 Iċ-Ċekja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Huwa permess “mgħax statutorju” fl-Istat Membru? Jekk iva, kif inhu definit “mgħax statutorju” f’dan l-Istat Membru?

Iva. L-imgħax normalment huwa regolat mill-Artikoli 1802 sa 1806 tal-Att Nru 89/2012 (il-Kodiċi Ċivili) u huwa deskritt bħala penali finanzjarja li sseħħ awtomatikament *ex lege* fil-forma ta' mgħax jekk id-debitur jonqos milli jħallas dak li hu dovut. L-ammont ta' mgħax statutorju jiġi determinat skont il-leġiżlazzjoni sekondarja (attwalment ir-Regolament tal-Gvern Nru 351/2013).

2 Jekk iva, x'inhu/x'inhi l-ammont / ir-rata u x'inhi l-bażi ġuridika għalih/a? Jekk huma permessi rati differenti ta' mgħax statutorju, liema ċirkustanzi u kundizzjonijiet japplikaw?

L-ammont ta' mgħax statutorju jiġi kkalkulat skont il-leġiżlazzjoni effettiva fl-ewwel ġurnata ta' nuqqas ta' ħlas tad-debitur.

Ir-Regolament tal-Gvern Ċek Nru 351/2013 tas-16 ta' Ottubru 2013 ilu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. *Ir-Regolament jiddetermina l-ammont ta' mgħax ta' inadempjenza u l-ispejjeż assoċjati mal-irkupru tad-dejn, il-kumpens tal-istralċjarju, l-amministratur tal-istralċ u membru maħtur mill-qorti tal-korp li jirrappreżenta entità ġuridika, u jirregola wkoll ċerti kwistjonijiet marbuta mal-Gazzetta Kummerċjali u r-reġistri pubbliċi tal-entitajiet ġuridiċi u l-persuni fiżiċi.* Skont ir-Regolament, l-ammont annwali ta' mgħax ta' inadempjenza huwa bbażat fuq ir-rata ta' ftehim ta' riakkwist mill-Bank Nazzjonali tar-Repubblika Ċeka għall-ewwel jum tal-perjodu tal-kalendarju li fih seħħet l-inadempjenza, b'żieda ta' tmien punti perċentwali. Dan l-ammont ta' mgħax jibqa' l-istess matul il-perjodu ta' inadempjenza.

3 Jekk meħtieġ, hemm aktar informazzjoni disponibbli dwar kif jiġi kkalkulat l-imgħax statutorju?

L-imgħax ta' inadempjenza li beda jgħaddi qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Gvern Nru 351/2013 huwa regolat mil-leġiżlazzjoni li kienet diġà fis-seħħ, jiġifieri r-Regolament tal-Gvern Nru 142/1994; għandha ssir referenza dejjem għall-verżjoni fis-seħħ fl-ewwel ġurnata ta' inadempjenza.

4 Hemm aċċess onlajn disponibbli bla ħlas għall-bażi ġuridika msemmija hawn fuq?

<http://www.psp.cz/sqw/sbirka.sqw?cz=351&r=2013>

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.